SME HELPDESK

Pubblikazzjoni 10
30 ta' Settembru 2014

MALTA EMPLOYERS' ASSOCIATION

INFORMAZZJONI MIĠJUBA MILL-ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM

**Segretarjat ta' l-MEA:**

*Direttur Ġenerali*
Joseph Farrugia

*Executive in EU & Legal Affairs*
Dr Charlotte Camilleri

*Uffiċċjal Eżekuttiv tal-SME Helpdesk*
Anton Vella

*Segretarja*
Dorianne Azzopardi Cilia

Book your advert on our TV Programme "MEA". Favorable rates available. Call us for further info!

© Dan il-fuljet hu ippreparat u ċċirkulat mill-:
ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM
35/1, South Street, Valletta
VLT 1100, Malta
Tel: (+356) 21237585 / 21222992
24/7 Tel: (+356) 21222006
Fax: (+356) 21230227
admin@maltaemployers.com
www.maltaemployers.com
www.facebook.com/MaltaEmployersAssociation

**Corporate sponsor:**

vodafone

# SME Business Clinic Workshop event



Nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Ottubru, l-MEA permezz tal-*SME Helpdesk* tagħha sejra tkun qed torganizza l-ewwel *SME Business Clinic Workshop Event.*

Attivita' li ser tkun qed tiġi ikkordinata mal-Ministeru tal-Ekonomija, Investiment u Negozji Żgħar, u bil-kollaborazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, bħala parti mill-programm tal-*SME Week*, li Malta ser tkun qed tħejji għal din is-sena.

## Iżda x'inhi eżattament l-*SME Business Clinic*?

Bħala *SME Helpdesk* tal-MEA, ilna ninnotaw li f'pajjiżna għad hawn vakum fejn jikkonċerna għajnuna diretta lil negozji li jkunu għaddejjin minn xi diffikulta'. Ħafna mill-membri tagħna, kif ukoll oħrajn li ma humiex, ta' sikwit iwasslulna l-preokkupazzjoni tagħhom, li meta jiltaqgħu ma' xi intopp fin-negozju, ma għandhomx fejn imorru, u wisq iżjed ma jsibu lil ħadd li lest li jgħinhom.

Vera li teżisti il-*Malta Enterprise*, u fl-aħħar snin twaqqaf ukoll il-*Business First*, iżda dawn xorta waħda ma humiex qed jaqdu għal kollox in-neċessitajiet ta' imprendituri li jkunu jinsabu f'diffikultajiet amministrattivi.

Biex inkunu qed ngħidu kollox il-*Malta Enterprise* u l-*Business First* joffru skema ta' għajnuna fejn sidien ta' negozji jiġu offruti numru ta' sigħat ta' konsulenza, f'suġġetti speċifiċi, sabiex jgħinuhom jkomplu javvanzaw u jinvestu fin-negozju tagħhom. Skema magħrufa bħala l-"*Business Advisory Services Scheme".*

Din l-iskema qeda hemm għal min ikun jaf x'inhi il-problema li jkun għaddej minnha, u għalhekk jkun jista jibbenefika minn numru ta' sigħat ta' konsulenza bla ħlas, fuq is-suġġett speċifiku, u b'hekk

jingħata stimolu li jkompli javvanza fit-triq it-tajba.

L-*SME Business Clinic* li ser tkun qed torganizza l-MEA, ser tkun qed taħdem fuq kunċett kemxejn differenti.

Għal din l-attivita' l-MEA qed tistieden lil dawk l-imprendituri, li jixtiequ jimpruvjaw in-negozju tagħhom, u jidentifikaw x'inhuma l-aspetti pożittivi u dawk negattivi fil-ħidma tagħhom. Hija klinika li ser tkun qeda hemm biex tagħmel diagnosi profonda ta' x'jista jkun qed jillimita is-suċċess tan-negozju, u fl-istess ħin x'inhuma dawk il-kapaċitajiet li bi ftit attenzjoni oħra jistgħu jkomplu jwittu t-triq tas-suċċess.

Importanti li nagħmluha ċara mill-ewwel, li din il-klinika ma hix sptar. Jiġifieri min ser jipparteċipa f'din l-attivita', ma għandux jipprentendi li l-MEA ser tkun qed issolvilu l-problemi li negozju jista' jkun għaddej minnhom, iżda fil-klinika ser ikun hemm preżenti numru ta' *"business doctors"*, li ser ikunu jistgħu jibdew janalizzaw u jgħinu lil dawk preżenti, kif huma jistgħu jħarsu il-quddiem b'aktar ottimiżmu.

L-attivita' tal-24 ta' Ottubru, hija attivita' li l-ebda sid ta' negozju żgħir ma għandu jitlef.

Hija opportunita' li kull negozju għandu jaħtaf, sabiex jibbenefika minn eżerċizzju li ser ikun qed jingħata b'xejn, lil kull min jattendi.

Għal din l-attivita' ser ikunu preżenti uffiċċjali mill-*Malta Enterprise*, u mill-*Business First*, kif ukoll konsultenti li jispeċjalizzaw fl-operat ta' negozju.

Wara introduzzjoni, u sessjoni ta' *"questions and answers"*, kull parteċipant ser jingħata opportunita' li jiffissa appuntament ma' xi konsulent li ser ikun preżenti, sabiex fil-jiem ta' wara jkun jista jibda jiltaqa' miegħu *one-to-one*, privatament, għal numru ta' sigħat sabiex ikun jista jiġi offrut l-għajnuna li jista' jkun li jkollu bżonn, u dan is-servizz ser ikun qed jingħata lil kullħadd b'xejn.

Għalkemm l-attivita' fadalla ftit, għaliex l-24 ta' Ottubru għadu xi ftit il-bogħod, l-applikazzjonijiet huma ġa miftuħa, u qed jintlaqgħu fuq bażi ta' *"first come first served"*, għaliex in-numru ta' spazji riservati huwa limitat.

Kull min huwa interessat għandu jiktibli immedjatament fuq anton.vella@maltaemployers.com

l-informazzjoni li għandi bżonn mar-reġistrazzjoni hija biss:

1. l-isem tal-kumpanijja
2. isem id-direttur
3. kemm timpjega impjegati il-kumpanijja
4. x'inhu il-ġeneru tax-xogħol (manifattura, servizz, ecc ecc.)
5. mobile number tad-direttur, u numru tat-telefon tal-kumpanijja
6. *email address*

PS: (jistgħu japplikaw anke dawk li ma humiex kumpanija).

Nispera li nisma minn għandkom, ma' ndumx.

Grazzi

Anton Vella
*SME Helpdesk Executive*

SPECIALISTS IN CUSTOM MADE DISPLAYS FOR SUPERMARKETS AND STORES




ZAFFARESE
signs + display ltd
Tel: 21484305/6
info@zaffarese.com
www.zaffarese.com